# 50. Il-Kenur tal-Imħabba

Il-kenur tal-imħabba kien qed jixgħel,
u n-nifs tal-fewġa jonfoħ dritt ġo fommu
kien qed itella' mill-ġamriet imqabbda
fjamma sabiħa,

Fjamma sura ta' dalja kbira kbira,
imdakkra bl-isfar kark u bl-aħmar demmi
min-naħal ħallelin, fjamma titliegħeb
mal-mewġ taż-żiffa.

X'għaxqa ta' fjamma b'xita sufarelli
li traxxax minn ġo xuxtha u bħal miġemgħa
ta' kwiekeb maħrubin sejra tittajjar
il bogħod mar-riħ!

'Mma f'daqqa waħda dik il-għaxqa kbira
saret textix u dlam, riħa li tifga
ta' ġmamar mismutin, u rimed imxerred,
u daħna kbira!

Misħuta l-id li tefgħet satal ilma
fuq il-kenur u tfietu b'dik il-bruda!
Il-fjamma tal-imħabba li tinstamat
ma terġax tixgħel!